Generated by Foxit PDF Creator © Foxit Software
http://www.foxitsoftware.com For evaluation only.

ŻEBBUĠ
Kunsill Lokali |ebbu[ - G]awdex
Triq il-Knisja, |ebbu[
Nru. tat-Telefon:- 21563056 Nru. tal-Fax:- 21563322
E-mail:- zebbug.gozo.lc@gov.mt Website:- zebbuggozo.com

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

## IL-MUSICAL GĦERUQNA FI PJAZZA L-ASSUNTA ŻEBBUĠ

Kif ħabbarnilkom fl-aħħar sett ta' avviżi l-Kunsill Lokali kien qiegħed jiġbor kwotazzjonijiet għas-*sound*, dwal u *screen* kif ukoll spejjeż oħra relatati ma' dan il-Musical biex ikun jista' jittella' fi Pjazza l-Assunta. Kif konna għidna wkoll billi l-Kunsill għandu investiment kapitali tiegħu għal dan il-musical huwa stmat li din id-darba ser tiġi tiswa ħafna inqas minn dak li ġiet tiswa s-sena l-oħra. Barra minhekk jekk il-quddiem dan il-musical ikun irid jerġa' jittella' l-investiment kapitali ser jibqa' proprjeta` tal-Kunsill. Il-Musical GĦERUQNA ser intellgħuh nhar il-Ġimgħa 6 ta' Awwissu 2010 u nħeġġu lil kull min ha sehem biex jerġa' jipparteċipa ħalli s-suċċess li kellna s-sena l-oħra ġewwa Marsalforn nerġgħu nirrepetuh fiż-Żebbuġ. Ser isiru xi adattamenti billi ma aħniex ser inkunu ħdejn il-baħar li ser jagħmlu dan il-Musical iktar interessanti. Per eżempju x-xena ta' fejn issir il-konversjoni ta' SAWL ser ikun riekeb fuq iż-żiemel. Dan ser joħloq atmosfera aktar movimentata. Il-palk ser ikun iz-zuntier tas-Santwarju tal-Assunta tagħna. Qiegħdin naħdmu biex ilkoll flimkien nerġgħu nilħqu livell għoli u dan mertu ta' kull min ipparteċipa u ħa sehem f' dan il-Musical. Ta' min jinnota li meta fil-Kunsill ġiet approvata biex il-Musical Għeruqna jerġa' jittella' fiż-Żebbuġ ma kien hemm l-ebda vot kontra u li l-membri tal-Kunsill kollha kienu preżenti. Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu ser nagħmlu l-ewwel prova nhar il-Ġimgha 16 ta' Lulju 2010. Kull ma għandna quddiemna huwa sagrifiċċju ta' tliet ġimgħat u ma aħniex ser nidħlu fil-ġimgħa tal-festa ta' Santa Marija kemm tal-15 ta' Awwisu kif ukoll taż-Żebbuġ li niċċelebraw fil-ġimgħa ta' wara. Anzi GĦERUQNA ser tkun il-ftuh tal-Festi tagħna billi ser nagħmluha proprju fil-bidu tal-KWINDIĊINA. Ser ikollna bidu tajjeb li nilħqu l-qofol ta' dawn il-festi Marjana bil-Festa li niċċelebraw lill-Padruna tagħna u ta' Artna SANTA MARIJA ASSUNTA NKURUNATA.

## FONDI SPEĊJALI GĦAL LOKALITA` BI BŻONNIJIET SPEĊJALI

Kif ħabbarnilkom fl-aħħar sett ta' avviżi waqt li kien qiegħed għall-istampar, is-Sindku Carmelo Saliba kien qiegħed jattendi għal ċerimonja ma' l-Onor. Chris Said Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru fejn bi pjaċir ingħatajna ċekk bis-somma ta' 20,000 Ewro u dan minn somma globali ta' proġett ta' 40,000 Ewro. Il-kumplament tas-somma ta' 20,000 Ewro ser jingħatalna lejn l-aħħar tas-sena meta l-proġett ikun lest u komplut. Dawn il-flus ser nużawhom biex inżommu l-lokalita` tagħna aktar nadifa speċjalment il-bajjiet tagħna Marsalforn, Qbajjar u Xwejni. Ser noħorġu sejħa għall-offerti biex nixtru *bins* tal-KAST IRON bħal dawk li għandna fi Pjazza l-Assunta għal fuq il-promenade ta' Marsalforn u l-quddiem ser inkunu nżommukom aġġornati b' dak li ser inwettqu b' dawn il-flus. Minn dawn l-avviżi nirringrazzjaw lil-Onor. Chris Said kif ukoll is-Segretarjat Parlamentari tiegħu għal kull għajnuna li aħna nirċievu mingħandu.

## ĠBIR TAL-ISKART DOMESTIKU BIEB BIEB

Generated by Foxit PDF Creator © Foxit Software
http://www.foxitsoftware.com For evaluation only.

Kif għidnilkom f' dan is-sett ta' avviżi aktar il-fuq bil-fondi li ngħatajna huwa possibbli li l-ġbir tal-iskart domestiku bieb bieb nistgħu nagħmluh darbtejn kuljum fil-ġranet tax-xogħol u darba filgħodu kull nhar ta' Ħadd. Dan ser japplika għal bajjiet tagħna ta' Marsalforn, Qbajjar u Xwejni għax xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru. Għalhekk sa ma noħorġu avviż ieħor l-ġbir tal-iskart domestiku f' dan iż-żmien tas-sajf qiegħed isir kif ġej. Kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd mis-7.30 a.m il-quddiem fil-bajjiet kif ukoll kull nhar ta' Tnejn miż-Żebbuġ u l-bajjiet il-ġbir tal-borża l-griża. Mit-Tnejn sal-Ġimgħa l-lokalita` kollha mill-4.00 p.m. kif ukoll nhar ta' Sibt mis-2.00 p.m. il-quddiem. Ma jsirx ġbir ta' skart domestiku nhar ta' Ħadd filgħaxija. Ma' kull ġabra l-i*skips* fuq ir-roti kemm ta' Triq iż-Żebbuġ kif ukoll ta' Marsalforn, Qbajjar u Xwejni qegħdin jitbattlu. Nafu li s-servizz li qegħdin noffru lir-residenti u viżitaturi tagħna qegħdin jiġu ABBUŻATI pero` dan ser nirrimedjaw għalih kif ser ninfurmawkom aktar il-quddiem minn dawn l-avviżi. Il-ġbir tal-iskart goff ser jibqa' jsir bl-arranġamenti tas-soltu u wieħed għandu jċempel il-Kunsill fuq 21563056 biex jingħata u jsiru l-arranġamenti meħtieġa għal dan is-servizz. Minn dawn l-avviżi nappellaw lil kulħadd biex jagħmel użu mill-borża l-griża jew mill-BRING IN SITE għax b' dan il-mod inkunu qegħdin nikkontribwixxu għal AMBJENT AĦJAR.

## SERVIZZ TA' ECO WARDEN FIL-LOKALITA` TAGĦNA

Waqt laqgħa li s-Sindku Carmelo Saliba attenda dan l-aħħar flimkien mas-Sindki ta' San Pawl il-Baħar u San Giljan, tliet lokalitajiet li għandna lil Marsalforn, Buġibba u Paceville rispettivament flimkien mal-uffiċjali awtorizzati tar-Reġjuni li magħhom niffurmaw parti kif ukoll rappreżentanti tal-GUARD AND WARDEN flimkien mal-Kumitat li jmexxi l-infurzar tal-liġi, ġie deċiż li dawn it-tliet lokalitajiet ser ikollna s-servizz tal-ECO WARDEN jew GWARDJAN TAL-AMBJENT. Ser ikun idur il-lokalita` kollha kemm taż-Żebbuġ kif ukoll ġo Marsalforn, Qbajjar u Xwejni. Ser ikun bl-uniformi kif ukoll pajżan u f' ħinijiet kemm bil-lejl u bin-nhar. Ser nipprovaw napprofittaw minn dan is-servizz biex nedukaw liċ-ċittadini tagħna pero` min ser jikser il-liġi ser ikollu jħallas. Xi ftit mill-ilmenti li wassalna għall-lokalita` tagħna ser naraw li ma jinħariġx skart domestiku qabel il-ħin stipulat mill-liġi u dan ifisser sa siegħa qabel ma jibda l-ġbir. L-abbuż li qiegħed isir mill-i*skips* fuq ir-roti ġej minn residenti barra mill-lokalita` kif ukoll stabbilimenti li mhux suppost jiddepożitaw f' dawn l-i*skips*. Ser nindirizzaw il-problema tas-sidien bil-klieb jiġru barra u dak li jitħalla warajhom. Tajjeb tkunu tafu li meta noħorġu bil-kelb barra huwa obbligu li nnaddfu u fid-dmir li jkollna borża għal li jista' jinqala'. Anke min joħroġ biż-żwiemel huwa obbligat li jkollu l-għodda biex inaddaf meta u fejn ikun hemm bżonn. Tapplika wkoll għal min iħammeġ fuq ix-xtajta speċjalment min juża xi BBQ.

## PREMJU LOKALITA` L-AKTAR NADIFA

***GĦADNA KIF APPLIKAJNA BIEX NIKKOMPETU U NIRBĦU DAN IL-PREMJU LI FIH RIGAL SOMMA SABIĦA TA' FLUS. IL-KUNSILL LOKALI QIEGĦED JAGĦMEL APPELL WIEĦED GĦINUNA NIRBĦU DAN IL-PREMJU !!!!!!!!!!!!!!!! GRAZZI TAL-APPOĠĠ.***

**Carmelo Saliba Sindku – Joe Bajada Deputat Sindku**
**Harry Debono, Joseph Camilleri, Victor Refalo – Kunsilliera**

**Il-Ħamis, 8 ta' Lulju 2010** **Nru. 10/2010**